Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) EDWARD FENECH ADAMI
President

29 ta' Lulju, 2008

ATT Nru VIII ta' l-2008

ATT biex jemenda l-Ordinanza dwar l-Esplozivi, Kap. 33.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att ta' l-2008 li jemenda l-Ordinanza dwar l-Esplozivi, u dan l-Att ghandu jinqara u jinftiehem haga wahda ma' l-Ordinanza dwar l-Esplozivi minn hawn 'il quddiem imsejjha "il-ligi principali". Kap. 33.

Emenda ta' l-artikolu 2 tal-ligi principali

2. Fl-artikolu 2 tal-ligi principali minnufih wara t-tifsira "esplozivi" ghandha tidhol it-tifsira gdida li gejja:

"fabbrika" tfisser kull bini jew lok jew kull parti minnhom fejn jigu manifatturati esplozivi jew fejn jitwettaq xi process ta' dik il-manifattura;".

Emenda ta' l-artikolu 3 tal-ligi principali

3. Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 tal-ligi principali ghandu jigi emendat kif gej:

(a) fil-proviso tieghu, minflok il-kliem "ghal bejgh." ghandhom jidhlu l-kliem "ghal bejgh:"; u

(b) minnufih wara l-proviso tieghu kif emendat ghandu jizdied il-proviso gdid li gej:

"Izda wkoll jekk ikun hemm suspett ragonevoli li jkun sar ksur serju tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, il-Kummissarju tal-Pulizija jkollu d-dritt jaghlaq il-fabbrika tal-porvli ta' l-isparar jew xi fabbrika ohra bhalha ghal zmien li ma jkunx aktar minn ġimgħatejn, hekk izda li jekk f'xi zmien jinbdew proceduri kriminali rigward dik il-fabbrika ghall-ksur ta' xi disposizzjoni ta' din l-Ordinanza, il-Qorti tista', waqt li dawk il-proceduri jkunu ghadhom pendenti, fuq decizjoni taghha stess jew fuq talba tal-prosekuzzjoni, tordna li dik il-fabbrika tibqa' maghluqa sat-tmiem tal-proceduri b'sentenza finali.".

Zieda ta' artikoli godda fil-ligi principali.

4. Minnufih wara l-artikolu 26 tal-ligi principali ghandhom jizdiedu l-artikoli godda li gejjin:

"Arrest minghajr mandat.

26A. Kull ufficjal tal-pulizija jista' jarresta minghajr mandat kull persuna li tkun ghamlet, jew li tkun wettqet attentat, jew li l-ufficjal ikollu suspett ragonevoli li tkun ghamlet, jew li tkun wettqet attentat biex isir reat kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ta' xi regolamenti maghmulin tahtha, jekk ikollu raguni bizzejjed biex jemmen li dik il-persuna tista' tahrab jekk ma tigix arrestata jew jekk ma jkunx jaf l-isem u l-indirizz ta' dik il-persuna u ma jistax isir jafhom.

Sospensjoni ta' licenza.

26B. Il-Kummissarju tal-Pulizija jista', minghajr hsara ghad-disposizzjonijijet ta' kull ligi ohra ezistenti, jissospendi kull licenza fil-kors ta' proceduri ghal reat kontra d-disposizzjonjiet ta' din l-Ordinanza.".

Emenda ta' l-arikolu 27 tal-ligi principali.

5. Fl-artikolu 27 tal-ligi principali minflok il-kliem "jehel, meta jinsab hati, il-piena tal-prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux anqas minn sitta u erbghin euro u disgha u hamsin centezmu (46.59) u mhux izjed minn erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (465.87)," ghandhom jidhlu l-kliem "jehel, meta jinsab hati, il-piena tal-prigunerija ghal zmien ta' bejn sentejn u hames snin jew multa ta' mhux anqas minn hamest elef euro (€5,000) u mhux izjed minn hamsa w ghoxrin elf euro (€25,000),".

Emenda ta' l-artikolu 29 tal-ligi principali.

6. L-artikolu 29 tal-ligi principali ghandu jigi emendat kif gej:

(a) id-disposizzjoni tieghu prezenti ghandha tigi enumerata mill-gdid bhala s-subartikolu (1) ta' dak l-artikolu u minflok il-kliem "jehel, meta jinsab hati, il-piena tal-prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux anqas minn sitta u erbghin euro u disgha u hamsin centezmu (46.59) u mhux izjed minn erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (465.87)," ghandhom jidhlu l-kliem "jehel, meta jinsab hati, il-piena tal-prigunerija ghal zmien ta' bejn sitt xhur u sentejn jew multa ta' mhux anqas minn hmistax-il elf euro (€15,000) u mhux izjed minn hamsin elf euro (€50,000),";

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tieghu kif enumerat mill-gdid ghandu jidhol dan li gej:

"(2) Meta porvli ta' l-isparar jew xi sustanza ohra kif imfisser fis-subartikolu (1) u li huma mizmuma, ippreparati, mibjugha, offruti ghall-bejgh jew ikkunsinnati kif previst fis-subartikolu (1) jikkawzaw spluzjoni li b'konsegwenza taghha tigi kagunata mewt ta' persuna ohra jew offiza gravi fuq persuna ohra, il-persuna li zammet, ippreparat, bieghet, offriet ghall-bejgh jew ikkunsinnat dawk l-istess porvli ta' l-isparar jew sustanza ohra, tista' tehel, meta tinsab hatja, kif gej:

(a) meta tkun giet ikkagunata l-mewt ta' persuna ohra, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn erba' snin;

(b) fejn titwettaq offiza gravi fuq il-persuna liema offiza tipproduci xi wiehed mill-effetti msemmija fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn jew multa ta' mhux inqas minn tmint elef euro (€8,000) izda mhux izjed minn tmenin elf euro (€80,000) jew ghal dik il-multa u prigunerija flimkien;

(c) fejn titwettaq offiza gravi fuq il-persuna liema offiza ma tipproducix xi wiehed mill-effetti msemmija fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sena jew multa ta' mhux inqas minn elfejn u hames mitt euro (€2,500) izda mhux izjed minn ghoxrin elf euro (€20,000) jew ghal dik il-multa u prigunerija flimkien.".

Emenda ta' l-artikolu 30 tal-ligi principali.

7. Fl-arikolu 30 tal-ligi princpali minflok il-kliem "jehel, meta jinsab hati, il-piena tal-prigunerija ghal zmien mhux izjed minn xahar jew multa ta' mhux anqas minn tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29) u mhux izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47),", ghandhom jidhlu l-kliem "jehel, meta jinsab hati, il-piena tal-prigunerija ghal zmien minn tliet xhur sa sena jew multa ta' mhux anqas minn elfejn euro (€2,000) u mhux izjed minn ghoxrin elf euro (€20,000),".

Emenda ta' l-artikolu 32 tal-ligi principali.

8. Fl-artikolu 32 tal-ligi principali:

(a) minflok il-kliem "fl-artikolu 23(2)" ghandhom jidhlu l-kliem "fl-artikoli 8 and 23(2)";

(b) minflok il-kliem "f'dak l-artikolu" ghandhom jidhlu l-kliem "f'dawk l-artikoli"; u

(c) minflok il-kliem "jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' l-ammenda jew tal-prigunerija ghal mhux izjed minn xahar." ghandhom jidhlu l-kliem "jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' multa ta' mhux izjed minn elf euro €1,000) jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u l-prigunerija flimkien.".

Emenda ta' l-arikolu 33 tal-ligi principali.

9. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 33 tal-ligi principali:

(a) minflok il-kliem "mhux anqas minn hamsin centezmu," ghandhom jidhlu l-kliem "mhux anqas minn mija u hamsin euro (€150)," u

(b) minflok il-kliem "tlitt ijiem" ghandhom jidhlu l-kliem "xahar".

Thassir ta' l-arikolu 39 tal-ligi principali

10. L-artikolu 39 tal-ligi principali ghandu jigi mhassar.

Zieda ta' artikoli godda fil-ligi principali.

11. Minnufih wara l-artikolu 40 tal-ligi principali ghandhom

jizdiedu l-artikoli godda li gejjin:

"Thassir ta' licenza.

40A. Meta persuna tinstab hatja ta' reat taht din l-Ordinanza, il-qorti tista', fuq talba tal-prosekuzzjoni jew b'decizjoni taghha stess, thassar kull licenza li jkollu min jaghmel ir-reat ghar-rigward ta' kull fabbrika, hanut, jew lok iehor fejn jew fil-vicinanzi ta' liema lok twettaq ir-reat, u, fil-kaz ta' reat li jitwettaq permezz ta' l-uzu ta' vettura, kemm il-licenza tas-sewqan ta' min iwettaq ir-reat kif ukoll kull licenza li dik il-persuna jkollha rigward il-vettura li ghaliha jirreferi r-reat:

Izda xejn f'dan l-artikolu ma ghandu jinftiehem li jaffettwa xi setghat tal-Kummissarju tal-Pulizija taht xi ligi ohra biex ihassar jew jissospendi xi licenza.

Applikabilità ta' l-Att dwar il-*Probation.* Kap. 446.

40B. Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 24 ta' l-Att dwar il-*Probation* li jirrigwardaw is-setgha tal-qorti biex tordna li l-hati jhallas id-danni ghandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw ukoll kull meta persuna tigi misjuba hatja ta' reat kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.".

Emenda ta' l-arikolu 42 tal-ligi principali.

12. Fl-artikolu 42 tal-ligi principali minflok il-kliem "Hlief fil-kaz tar-reat imsemmi fl-artikolu 26, kull procediment ghal reat taht din l-Ordinanza jew xi regolamenti maghmulin bis-sahha taghha, ghandu jingiebu 'il quddiem" ghandhom jidhlu l-kliem "Proceduri ghal reat kontra xi regolament maghmul taht din l-Ordinanza, sa fejn dawn ma jkollhomx maghhom proceduri ghal reat kontra din l-Ordinanza, ghandom jingiebu 'il quddiem.".

Zieda ta' artikolu gdid fil-ligi principali.

13. Minnufih wara l-artikolu 42 tal-ligi principali ghandu jizdied l-artikolu gdid li gej:

"Tnaqqis tal-piena.

43A. Fejn, rigward persuna li tinsab hatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fl-atti tal-proceduri li dik il-persuna tkun ghenet lill-Pulizija biex tinqabad il-persuna jew jinqabdu l-persuni li jkunu pprovdew lill-persuna misjuba hatja l-esplozivi, jew il-persuna misjuba hatja kif qabel imsemmi taghti prova ghas-sodisfazzjon tal-qorti li tkun hekk ghenet lill-Pulizija, il-piena ghandha titnaqqas, rigward il-prigunerija bi grad wiehed jew tnejn u rigward kull piena pekunjarja, b'terz jew bin-nofs rispettivament.".

Sostituzzjoni ta' l-arikolu 44 tal-ligi principali.

14. L-artikolu 44 tal-ligi principali ghandu jigi sostitwit b'dan

l-artikolu gdid li gej:

"Piena fil-kaz ta' recidiva.

44. Meta persuna li tkun giet misjuba hatja ta' reat kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew ta' xi regolament maghmul tahtha, twettaq it-tieni reat simili, tehel meta tinsab hatja, il-piena ta' dak ir-reat, mizjud b'zewg gradi, u fuq it-tielet kundanna jew ohrajn warajha, tizdied il-piena bi tliet gradi.".

Zieda ta' artikoli godda fil-ligi principali.

15. Minnufh wara l-artikolu 45 tal-ligi principali ghandhom jizdiedu l-artikoli godda li gejjin:

"Konfiska ta' proprjetà.

45A. (1) Meta jsir reat kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, il-qorti ghandha, b'zieda ma' kull piena ohra, fis-sentenza taghha, jew f'xi zmien wara, fuq talba tal-prosekuzzjoni:

(a) meta tkun giet uzata xi proprjetà immobbli ghall-manifattura, bejgh, wiri ghall-bejgh, jew hazna ta' esplozivi kif imfisser fl-att ta' l-akkuza jew fl-akkuza, tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull titolu fuq il-proprjetà li l-persuna li tinsab hatja jkollha fuq dik il-proprjetà immobbli;

(b) meta l-persuna li tinsab hatja ma tkunx is-sid assolut izda jkollha titolu iehor fuq il-proprjetà immobbli, jew ikollha titolu, li ma jkunx titolu fuq il-proprjetà, li bis-sahha tieghu jkollha l-kontroll fuq, jew dritt ta' access ghal, dik il-proprjetà, il-qorti ghandha tordna li l-persuna li tinsab hatja thallas multa ta' mhux anqas minn ghaxart elef euro (€10,000) izda mhux izjed min sittin elf euro (€60,000) kif tistabbilixxi l-qorti wara li tqis il-valur tal-proprjetà immobbli u l-valur tat-titolu fuq il-proprjetà, jekk ikun hemm, li jkun gie konfiskat kif imsemmi qabel;

Kap. 9.

(c) bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali, taghmel ordni li bih id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (a) u (b) ghandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, ghal jew fir-rigward ta' kull bastiment jew vettura, uzati ghaz-zamma, il-hazna jew il-kunsinna ta', jew ghall-bejgh jew trattar fi, esplozivi; u

(d) tordna l-konfika favur il-Gvern tal-proprjetà immobbli uzata ghall-manifattura, il-bejgh, il-wiri ghall-bejgh, jew il-hazna ta' l-esplozivi, tal-persuna hekk misjuba hatja ukoll jekk il-proprjetà immobbli, ghaddiet f'idejn terzi persuni, minn meta l-persuna giet akkuzata bir-reat.

(2) Kull decizjoni, kif imsemmi fis-subartikolu (1), li tordna l-konfiska tal-proprjetà immobbli jew ta' xi titolu fuq dik il-proprjetà ghandha titiqies u ghandha tkun ezegwita bhala sentenza fil-qasam civili li tittrasferixxi dak it-titolu fuq il-proprjetà favur il-Gvern, u l-Avukat Generali ghandu, ghall-finijiet ta' l-artikolu 239 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, jigi kunsidrat bhala l-parti interessata li tista' tiskeb ir-registrazzjoni ta' dak it-trasferiment.

Kap. 12.

Ordni ta' sospensjoni.

45B. (1) Meta persuna tigi akkuzata taht din l-Ordinanza jew taht regolamenti maghmulin tahtha, u dik il-persuna jkollha l-pussess ta' licenza, permess jew awtorità mahruga lilha minn awtorità kompetenti dwar jew f'konnessjoni ma' l-ezercizzju ta' xi arti, sengha, professjoni jew xi xoghol iehor u r-reat jitwettaq f'post licenzjat taht din l-Ordinanza jew taht xi ligi ohra, il-qorti tista' tohrog ordni, hawnhekk izjed 'il quddiem imsejjha "ordni ta' sospensjoni", li tissospendi dik il-licenza, permess jew awtorità.

(2) L-ordni ta' sospensjoni ghandha tibqa fis-sehh sakemm jibqghu ghaddejjin il-proceduri sas-sentenza finali.

(3) Kull persuna li taghmel xi haga li ghall-ghemil taghha hija mehtiega licenza, permess jew awtorità taht xi ligi u meta dik il-haga ssir meta dik il-licenza, permess jew awtorità tkun giet sospiza bis-sahha ta' ordni ta' sospensjoni, titqies li tkun agixxiet minghajr il-licenza, permess jew awtorità mehtiega.

Nuqqas ta' applikabilità.
Kap. 9.
Kap. 446.

45Ċ. Salv dak provdut fl-artikolu 40B, id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 21 u 28A tal-Kodici Kriminali u d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-*Probation* ma ghandhomx japplikaw fir-rigward ta' persuna li tinsab hatja ta' reat taht din l-Ordinanza.

Kumpens.

45D. Meta persuna tinsab hatja ta' reat taht id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ta' xi regolament maghmul tahtha, il-qorti tista' tordna lill-persuna li tinsab hatja biex thallas lil kull parti li ssofri xi telf dik is-somma flus li tista' tigi determinata mill-qorti f'dik id-direzzjoni bhala kumpens ghal dak it-telfien kif imsemmi qabel jew ghal kull dannu jew hsara ohra kkawzata lil dik il-parti b'dak jew permezz ta' dak ir-reat.".

Emenda ta' l-arikolu 46 tal-ligi principali.

16. Fl-artikolu 46 tal-ligi principali minflok il-kliem "ta' mhux izjed minn erba' euro u sitta u sittin centezmu (4.66)" ghandhom jidhlu l-kliem "ta' mhux inqas minn hamsa w ghoxrin euro (€25) u mhux izjed minn mitt euro (€100)".

Żjieda ta' artikolu ġdid fil-Kodici Kriminali. Kap. 9.

17. Minnufh wara l-artikolu 226A tal-Kodici Kriminali ghandu jizdied l-artikolu gdid li gej:

"Fluwidu esploziv jew sustanza esploziva.

226B. Meta xi wiehed mir-reati msemmija fl-artikoli 225, 226 u 226A jitwettaq permezz ta' fluwidu esploziv jew sustanza esploziva, il-piena stabbilita ghar-reat ghandha tizdied b'zewg gradi jew tlieta.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 34 tas-16 ta' Lulju, 2008.

LOUIS GALEA
Speaker

PAULINE ABELA
Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati